VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,022, 6 ta' Lulju, 2018
Taqsima B

A.L. 214 tal-2018

ATT DWAR ARTIJIET TAL-GVERN
(KAP. 573)

Regolamenti tal-2018 dwar Trasferiment ta' Proprjetà tal-Gvern Mogħtija għal Użu Kummerċjali, mill-Kerrej lil Membru tal-Familja minħabba Rtirar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subparagrafu (L) tal-paragrafu (ġ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 dwar Trasferiment ta' Proprjetà tal-Gvern Mogħtija għal Użu Kummerċjali, mill-Kerrej lil Membru tal-Familja minħabba Rtirar.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Artijiet stabbilita skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jew kull persuna jew entità oħra li bil-liġi jew b'kuntratt hija fdata bl-amministrazzjoni ta' art tal-Gvern; Kap. 563.

"Bord tal-Gvernaturi" tfisser il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet stabbilit skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet. Kap. 563.

L-applikazzjoni għandha tiġi kkonfermata bil-ġurament.

3. L-applikanti li jissottomettu applikazzjoni skont dawn ir-regolamenti għandhom jikkonfermaw bil-ġurament li l-kontenut tal-applikazzjoni huwa veritier u li l-ebda informazzjoni jew fatti oħra relevanti ma tħallew barra, li kienu jwasslu għar-rifjut jew għaċ-ċaħda tal-imsemmija applikazzjoni li kieku dawn kienu magħrufa mill-Awtorità. L-applikanti ma jistgħux jiġġustifikaw din l-ommissjoni billi jargumentaw li l-informazzjoni jew il-fatti li tħallew barra kienu magħrufa mill-Awtorità.

Kunsens u approvazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi.

4. (1) Kull trasferiment magħmul taħt dawn ir-regolamenti għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi u skont dawk il-kundizzjonijiet imposti mill-imsemmi Bord, liema kundizzjonijiet għandhom jiġu ppublikati.

(2) Qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi għat-trasferiment tal-proprjetà kummerċjali kif indikat hawn fuq:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) għandu jiġi vverifikat li l-ebda liġi jew klawżola kuntrattwali ma ġiet miksura, inkluż li ma hemmx arretrati fir-rigward tal-imsemmija kirja; u

(b) għandu jsir ħlas addizzjonali lill-Awtorità, għal darba waħda biss, ta' ammont ekwivalenti għal sena kera; u

(ċ) għandha ssir dikjarazzjoni li mal-iffirmar tal-kuntratt il-ġdid tal-kera għall-perijodu rimanenti tal-kirja oriġinali, l-applikant ma fadallu l-ebda interess fil-proprjetà jew fl-attività kummerċjali wara t-trasferiment tagħha lil membru tal-familja u li m'għandux jew m'għadx għandu xi pretensjoni kontra l-Awtorità fir-rigward tal-perijodu kollu mill-bidu tal-kirja oriġinali; u

(d) għandha ssir dikjarazzjoni mill-persuna li lilha ser tiġi ttrasferita l-kirja, fil-każ ta' kirja kummerċjali mogħtija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 u fejn ma jkun ġie stipulat l-ebda terminu speċifiku għal perijodu, jew fejn il-perijodu tal-kirja kellu jiġġedded awtomatikament jew fid-deskrizzjoni assoluta tal-kerrej, li permezz tagħha jiġi aċċettat li l-kirja għandha tiskadi fi żmien għoxrin sena mill-1 ta' Ġunju, 2008.

Trasferiment ta' proprjetà tal-Gvern mogħtija għal użu kummerċjali mill-kerrej lil membru tal-familja.

5. (1) Kull persuna li għandha proprjetà kummerċjali b'titolu ta' kera mingħand il-Gvern jew mill-Awtorità tista', waqt li tkun għadha għaddejja l-kirja oriġinali u bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra ta' dawn ir-regolamenti, tapplika lill-Awtorità sabiex tittrasferixxi jew tassenja d-drittijiet tagħha lil ibnu/bintu f'każ li hija tkun tixtieq tirtira mill-attività kummerċjali li tkun qed twettaq.

(2) Il-kundizzjonijiet tal-kirja għandhom jibqgħu l-istess sal-iskadenza tal-kirja oriġinali u l-uniku element tal-kirja li għandu jinbidel huwa l-isem tal-kerrej.

(3) F'każ li t-trasferiment jintalab għal aktar minn iben/bint, għandha ssir applikazzjoni waħda biss u dawk l-ulied rikonoxxuti għandhom ikunu solidalment responsabbli għall-obbligi kollha imposti fil-kirja oriġinali fuq il-kerrej oriġinali.

Riżervi.

6. L-Awtorità għandha d-dritt li tirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni magħmula skont dawn ir-regolamenti fid-diskrezzjoni assoluta tagħha biss. Tali ċaħda jew rifjut għandhom isiru bil-miktub flimkien mar-raġunijiet dettaljati għad-deċiżjoni tagħha.

Dritt tal-Awtorità li tipproċedi quddiem il-Qorti.

7. L-Awtorità tista' tipproċedi b'kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra kwalunkwe persuna involuta, inkluż l-okkupant, fejn hija tqis li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, anke wara l-att ta' trasferiment inkwistjoni u titlob lill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett kwalunkwe trasferiment taħt dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe trasferiment ieħor li ma jkunx sar skont dawn ir-regolamenti.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subregolament (1), il-qorti għandha tordna l-iżgumbrament ta' kull persuna mill-art jew mill-fond u tordna li dik il-proprjetà, inlużi kwalunkwe benefikati magħmula fuqha, tiġi rritornata lill-Awtorità mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens għal danni li dik il-persuna jew l-okkupant setgħu sofrew, jew kwalunkwe kumpens għal benefikati li saru jew setgħu ġew magħmula f'dik il-proprjetà.

Spejjeż.

8. L-Awtorità għandha taċċerta li l-ispejjeż kollha involuti fit-trasferimenti hawn fuq indikati, jitħallsu mill-membru tal-familja li għandu sejra tgħaddi l-kirja għall-perjodu rimanenti tal-kirja u li qabel ma jingħabru dawn l-ispejjeż fl-intier tagħhom ma għandu jkun hemm l-ebda trasferiment jew assenjazzjoni ta' drittijiet fuq il-proprjetà li fir-rigward tagħha tkun saret l-applikazzjoni.

Dispożizzjonijiet Transitorji.

9. Kwalunkwe talba li tikkonċerna t-trasferiment ta' proprjetà tal-Gvern minħabba rtirar, li tkun ingħatat għal użu kummerċjali mill-kerrej lil iben/bint qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi eżaminata u deċiża skont dawn ir-regolamenti. Kull skema eżistenti qabel il-ġurnata ta' llum qegħda, permezz ta' dawn ir-regolamenti tiġi tterminata bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.